VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,419, 9 ta' Ġunju, 2020

Taqsima B

A.L. 235 tal-2020

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10(9)(b) u 24 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 188.03.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-7 ta' Marzu, 2020.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti principali.

2. Minnufih wara s-subregolament (12) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(13) Fil-każ li jseħħu ċirkostanzi inevitabbli, li ma jkunux attribwibbli lill-applikant jew l-Aġent tiegħu, li minħabba fihom it-termini stipulati fis-subregolamenti (5), (8) u (9) ta' dan ir-regolament ma jkunux jistgħu jiġu osservati jew jintlaħqu, l-Aġenzija tista' testendi dawn it-termini kif jista' jkun raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.".